# QTIL FIL-ĦABS TA' KORDIN

## Minn R.C. THEUMA – Direttur tal-Ħabs

Fil-Ħabs ta' Kordin ġiet imwaħħla plakka kommemorattiva biex tfakkar il-mewt traġika ta' żewġ uffiċjali tal-Ħabs waqt il-qadi ta' dmirijiethom fl-1 ta' Settembru 1924.

Dan il-każ, sittin sena ilu, kien ħasad lill-pubbliku; saħansitra kien ġie diskuss fl-istess jum waqt il-laqgħa ta' l-Assemblea Leġislattiva u l-Ministru tal-Ġustizzja, l-Onor Dr. Francesco Buhagiar kien għamel stqarrija fil-kamra tad-deputati wara li huwa stess għamel żjara l-ħabs ftit ħin wara tat-traġedja. F'dak iż-żmien kien ġie suġġerit ukoll li minħabba dan l-inċident, biex tinżamm aktar dixxiplina fil-ħabs kif ukoll għall-protezzjoni ta' l-Uffiċjali tal-Ħabs, kienx opportun li l-Uffiċjali tal-Ħabs ikunu armati bil-pistoli waqt il-qadi ta' dmirijiethom biex jgħassu lill-ħabsin.

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru 1924, kien jum bħall-oħrajn għal dawn iż-żewġ vittmi ta' din it-traġedja. Iċ-Chief Warder Salvatore Grech Gatt li qabel ma beda s-Servizz tiegħu fid-Dipartiment tal-Ħabs, fil-15 ta' Frar 1905, kien Surġent tal-Pulizija sa mill-1 ta' Lulju 1896, kien qiegħed fl-uffiċju tiegħu fejn twaħħlet il-plakka ta' tifkira ta' dan id-delitt. Ftit 'il bogħod, fejn allura kien hemm "Stores" tal-Ħabs kien hemm 1st Class Warder u 'Storekeeper' Albert Edward Pearson li kien beda jaħdem fid-Dipartiment tal-Ħabs fl-14 ta' Mejju 1920. Fl-istores kien hemm jaħdem il-ħabsi Antonio Spiteri ta' 40 sena minn Kerċem, Għawdex li kien qed iservi sentenza ta' 15-il sena ħabs fuq attentat ta' qtil mogħtija lilu fl-1919. Dan Spiteri kien meqjus minn Warder Pearson stess bħala l-iktar ħabsi li fih huwa kellu l-akbar fiduċju; tant hu hekk li meta xi ftit żmien qabel is-Supretendent tal-Ħabs ried ibiddillu x-xogħol mill-istores biex imur jaħdem fl-għelieqi, Warder Pearson kien talab li Spiteri jibqa' jaħdem miegħu fl-istores għax ma kienx jaf ħabsi ieħor li setgħa jafdah daqsu.

Ma' dan Spiteri kien hemm ukoll ħabsi ieħor jaħdem fl-istores u dan għal xi l-għaxra ta' fil-għodu ta' l-1 ta' Settembru 1924 ra lil Spiteri jaqbad il-mannara li kienu jużaw biex iqattgħu l-laħam u mingħajr ħniena beda jagħti biha fuq ras li Storekeeper Pearson li kien qiegħed aljenat fuq xogħol jikteb fuq il-mejda. Dan ma kellu l-ebda ċans jiżgiċċa d-daqqiet ta' Spiteri u miet malkolp bil-feriti gravi li ġarrab f'rasu. L-istess Spiteri mbagħad ħebb ukoll għall-ħabsi l-ieħor blistess mannara iżda ma laqtux.

Fil-ħin wasal fuq il-post il-gwardjan Carmelo Azzopardi u l-ħabsi Spiteri attakkah ukoll u Azzopardi beda jgħajjat lill-gwardjani l-oħra għall-għajjut u b'xorti tajba ħelisa ħafif. Sa dak il-ħin inqala' pandemonju sħiħ fil-ħabs u Spiteri irnexxielu jasal sa fejn l-Uffiċju taċ-Chief Warder Grech Gatt bil-mannara f'idejh. Iċ-Chief Warder ħareġ mill-Uffiċju tiegħu biex jara x'kien qed jiġri u kif tfaċċa fil-kuritur ġie wiċċ imb'wiċċ ma' Spiteri u dan mill-ewwel xejjer il-mannara lejn iċ-Chief Warder Grech Gatt fuq rasu u ħallieh mejjet fil-kolp.

Sadanittant il-ħabsi Spiteri mar lura lejn li stores minn fejn kienet bdiet din it-traġejda, qabad l-imfietaħ tal-bieb tal-ħabs li jagħti lejn it-telgħa ta' Raħal Ġdid li kienu fuq il-mejda ta' li storekeeper li allura kien jinsab mejjet u fi ftit ħin fetaħ il-bieb u ħarab mill-ħabs.

Malli l-Pulizija ta' Ħal Tarxien ġew infurmati b'dak li ġara l-Ispettur, Surġent u żewġ kuntistabbli marru l-ħabs biex jibdew l-investigazzjonijiet; is-Surġent u kuntistabbli li kienu akkumpanjati minn Gwardjan tal-ħabs bdew ifittxu lil ħabsi Spiteri u meta l-Pulizija ġew infurmati li Spiteri kellu fuqu sikkina l-Pulizija armaw ruħhom birrevolvers għall-protezzjoni tagħhom.

Sussegwentement il-ħabsi Antonio Spiteri ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bil-qtil voluntarji taż-żewġt Uffiċjali tal-Ħabs fid-9 ta' Settembru 1924. Il-Qorti Kriminali preseduta mill-President Sir Arturo Mercieca, fil-5 ta' Mejju 1925 ikkundannat lil Antonio Spiteri biex jintbagħat l-Isptar tal-moħħ wara li l-ġurati ħarġu bil-verdett unanimu li Spiteri kien marid u wara li Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, id-difensur ta' Spiteri qajjem l-eċċezzjoni ta' ġenn.

Kif diġà aċċennajt fil-bidu ta' dan ir-rakkont, din it-traġedja kienet ġiet diskuss mill-Assembleja Leġislattiva f'dak l-istess jum li ġrat u l-membri kollha qablu mal-Ministru tal-Ġustizzja Dr. Francesco Buhagiar li huwa f'isimhom jibgħat lill-membri tal-familja u d-dipendenti tagħhom messaġġ ta' sogħba dwar id-disgrazzja li laqtitha minħabba din it-turija ta' rispett mir-rappreżentanti tal-poplu lejn dawn iż-żewġ uffiċjali tal-ħabs li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom, b'approvazzjoni ta' l-istess Rappreżentanti, id-dipendenti tal-vittmi kellhom jingħataw kumpens adekwat.

Għalkemm għaddew bosta snin din it-traġedja għada ma ntesietx u proprju għalhekk ġie mwaqqaf dan il-mafkar liż-żewġ uffiċjali tal-ħabs maqtula minn wieħed mill-ħabsin li s-soċjetà permezz tal-Qrati riedet li jinżammu taħt kustodja fil-ħabs minħabba li dan seta jkun ta' periklu għas-sigurtà tal-membri l-oħra tas-Soċjetà.

Ix-xogħol ewlieni ta' l-uffiċjal tal-ħabs huwa li jżomm fil-kustodja tagħhom lill-ħabsin biex sakemm idumu l-ħabs jipprovaw permezz ta' tagħlim u miżuri posittivi jirrijabilitawhom ħalli jkunu ċittadini tajbin. Dan mhux faċli u jinvolvi xogħol iebes u perikoluż għall-uffiċjali tal-ħabs li jistgħu wkoll jitilfu ħajjithom minħabba ċ-ċirkostanzi tax-xogħol tagħhom kif ġara lil dawn iż-żewġ ħaddiema.

Tassew li dan kien l-aktar każ traġiku iżda matul is-snin kien hemm każi oħra fejn l-uffiċjali tal-ħabs sfaw imweġġa minħabba atti vjolenti kontra tagħhom mill-ħabsin. Dawn l-uffiċjali però dejjem qdew dmirhom skond ir-regolamenti tal-ħabs mingħajr xi biża' jew favuri.